



Brussell, 28 ta' Marzu 2023
(OR. en, it, pl)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0197(COD)

6740/23
ADD 1 REV 3

CODEC 247
CLIMA 96
ENV 167
TRANS 70
MI 135

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/631 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO ₂ għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda f'konformità mal-ambizzjoni klimatika akbar tal-Unjoni (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjonijiet mill-Italja

Dikjarazzjoni 1

L-Italja tikkondividi u hija impenjata bis-siħ lejn il-mira tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq, peress li t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂ tas-settur, b'mod partikolari daww li jirriżultaw minn karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief, huwa kruċjali biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni.

Fil-fehma tagħna, id-dekarbonizzazzjoni fis-settur tat-trasport bit-triq għandha tiġi segwita f'konformità mal-prinċipji ta' tranżizzjoni ekonomikament sostenibbli u soċjalment ġusta lejn emissjonijiet żero u ta' newtralità teknoloġika.

Aħna ċertament favur l-elettrifikazzjoni tal-vetturi ħfief. Madankollu, ma nemmnux li matul il-fażi ta' tranżizzjoni din għandha tkun l-unika rotta biex jinkisbu emissjonijiet żero.

L-elettrifikazzjoni teħtieġ bidliet sinifikanti fis-settur awtomobilistiku, li jeħtieġ li jiġu ppjanati u ggwidati bl-attenzjoni mistħoqqa sabiex jiġu evitati impatti ekonomiċi, industrijali u soċjali mhux mixtieqa. Il-karozzi b'magni tal-kombustjoni huma proprjetà ta' ċittadini bintrojtu baxx u ser jibqgħu fiċ-ċirkolazzjoni wara l-2035. Is-suċċess tal-vetturi elettriki ser jiddependi ħafna fuq kif isiru aċċessibbli għal dawn iċ-ċittadini.

Sadanittant, in-newtralità teknoloġika ser tippermetti lill-Istati Membri jużaw is-soluzzjonijiet kollha għad-dispożizzjoni tagħhom biex jiddekarbonizzaw is-settur tat-trasport, skont iċ-ċirkostanzi u l-punti tat-tluq nazzjonali. L-użu ta' fjuwils rinnovabbli li huma kompatibbli ma' magni tal-kombustjoni ser jiżgura tnaqqis immedjat fl-emissjonijiet mingħajr ma jirrikjedi saġrifċċji ekonomiċi sproporzjonati miċ-ċittadini. Għall-kuntrarju, l-isfurzar tal-elettrifikazzjoni jista' jinvolvi r-riskju ta' nuqqas ta' aċċettazzjoni mis-suq, li jista' jagħmel ħsara lill-produtturi tal-karozzi u tal-vannijiet. Dan jipprevjeni wkoll l-iżvilupp teknoloġiku ta' magni ibridi b'impatt ambjentali baxx ħafna.

Mil-lat industrijali, iż-żieda fid-domanda għall-fjuwils rinnovabbli ser tagħti lis-settur petrokimiku opportunità importanti biex jadatta.

Peress li jistabbilixxi mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 100 % għall-2035 u ma jipprovdi l-ebda inċentiv għall-użu ta' fjuwils rinnovabbli, ir-Regolament propost mhuwiex konformi mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Konsegwentement, l-Italja ma tistax tappoġġah.

Nixtiequ niġbdu l-attenzjoni għall-fatt li l-kisba ta' mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 100 % tiddependi minn diversi kondizzjonijiet, fosthom:

- l-iżvilupp ta' katina tal-valur għall-muturi u l-batteriji elettriki fl-Unjoni;
- provvista sostenibbli u diversifikata tal-materja prima meħtieġa;
- infrastruttura adegwata tal-irriċarġjar u tar-riforniment;
- titjib tal-grilja elettrika sabiex tkun tista' tlaħħaq maż-żieda fid-domanda;

- l-adattament tas-settur awtomobilistiku kollu, inkluż billi jiġu pprovduti l-ħiliet meħtieġa;
- l-aċċettazzjoni mis-suq ta' vetturi ġodda, li għandhom ikunu disponibbli bi prezz affordabbli, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi u l-konsumaturi l-aktar vulnerabbli.

Jekk dawn il-kondizzjonijiet, li l-issodisfar tagħhom ma jiddependix biss fuq l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2019/631 u ser jirrikjedi miżuri sinifikanti ta' investiment u kumpens, ma jintlaħqux, l-impatt tal-mira ikun serju, f'termini ekonomiċi, soċjali u ambjentali, kif ukoll għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni.

F'dan ir-rigward, aħna nosservaw li sal-lum l-approċċ tal-Unjoni għas-settur awtomobilistiku kien fil-bieċa l-kbira regolatorju, filwaqt li l-Istati Uniti (bl-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni) u ċ-Ċina wkoll adottaw pjanijiet ta' stimolu.

Għalhekk nemmnu li l-Kummissjoni għandha:

- tappoġġa t-tranżizzjoni tas-settur awtomobilistiku, b'mod partikolari l-SMEs tiegħu, bl-użu tal-mezzi leġiżlattivi u finanzjarji kollha disponibbli;
- timmonitorja u tirrapporta fil-ħin u b'mod komprensiv dwar il-progress lejn mobbiltà fit-triq b'emissjonijiet żero, filwaqt li tqis il-fatturi kollha li jikkontribwixxu għal tranżizzjoni ġusta u kosteffiċjenti, inkluż valutazzjoni tad-diskrepanzi possibbli fil-finanzjament, kif stipulat fir-Regolament (l-Artikolu 14a);
- tiżgura, abbażi tal-monitoraġġ, il-valutazzjoni u r-rappurtar imsemmija hawn fuq, reviżjoni rigoruża u kredibbli tal-miri fl-2026, kif previst mir-Regolament (l-Artikolu 15);
- issegwi d-dispożizzjoni għar-reġistrazzjoni, wara l-2035, ta' vetturi li jaħdmu esklużivament bi fjuwils b'emissjonijiet żero ta' CO₂ (il-premessa 11);
- tagħmel proposta biex fir-Regolament jiġi inklużi mekkaniżmi biex jitqiesu l-benefiċċji, f'termini ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂, tal-fjuwils rinnovabbli.

Dikjarazzjoni 2

L-Italja tiegħu nota tad-dikjarazzjoni bil-miktub tal-Kummissjoni dwar il-premessa 11 tar-Regolament il-ġdid dwar l-emissjonijiet tal-karozzi u l-vannijiet, rigward ir-reġistrazzjoni wara l-2035 ta' vetturi b'magni tal-kombustjoni interna li ser joperaw b'karburanti b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Ir-rikonoxximent tal-Kummissjoni li dawn il-vetturi għadhom jistgħu jiġu rreġistrati u li għalhekk ser jikkontribwixxu wkoll għall-kisba tal-miri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti fir-Regolament huwa żvilupp pożittiv.

Aħna nqisu li dan l-iżvilupp huwa twegħiba għat-talba li saret fid-dikjarazzjoni tal-Italja tat-28 ta' Frar, li wasslet għall-posponiment tal-votazzjoni dwar il-miżura li issa qed tiġi ppreżentata għall-valutazzjoni mill-Istati Membri.

F'dan ir-rigward, aħna nieħdu nota tal-impenn tal-Kummissjoni li timplimenta l-premessa 11 qabel ir-rieżami tal-oġettivi tar-Regolament ippjanat għall-2026, billi tippreżenta proposti għal leġislazzjoni diġà fix-xhur li ġejjin.

Fid-dawl ta' din it-trasparenza, l-Italja talbet għal diskussjoni aktar fil-fond bejn l-Istati Membri, li tinkludi s-soluzzjonijiet kollha disponibbli sabiex tkun aktar effettiva.

Minn naħa waħda, nilqgħu għalhekk id-deċiżjoni li jiġu kkunsidrati mill-ġdid il-magni tal-kombustjoni interna li huma essenzjali għas-sostenibbiltà ekonomika u soċjali ta' ħafna pajjiżi tal-UE u, min-naħa l-oħra, inqisu li d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-karburanti sintetiċi biss tirrappreżenta interpretazzjoni restrittiva żżejjed, li għadha ma tippermettix l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika li għalih l-Italja dejjem iġġieldet abbażi ta' data teknika u xjentifika.

Aħna nemmnu li l-bijokarburanti jistgħu jaqgħu wkoll fil-kategorija tal-karburanti li huma newtrali f'termini ta' bilanċ ġenerali tas-CO₂ u jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni progressiva tas-settur.

Għalhekk, fil-kuntest tal-proċeduri għall-approvazzjoni tal-atti leġislattivi indikati mill-Kummissjoni, ser nagħmlu ħilitna biex niżguraw li l-bijokarburanti jitqiesu wkoll bħala karburanti b'livell zero ta' emissjonijiet tal-karbonju, u filwaqt li nittamaw f'kontribut sussegwenti u produttiv, ser nastjenu milli nivvutaw dwar id-deċiżjoni finali ta' dan il-Kunsill.

Dikjarazzjoni mill-Polonja

Il-Polonja topponi bil-qawwa l-adozzjoni ta' dan l-att leġislattiv.

Mhijiex favur li l-miżati u l-piżijiet il-ġodda jingħaddu liċ-ċittadini, pereżempju billi jiżdiedu l-ispejjeż tal-aċċess għall-fjuwils. Kwalunkwe spiża addizzjonali li tirriżulta mill-piżijiet il-ġodda għandha tinġarr mill-manifatturi u ma għandhiex tingħadda liċ-ċittadini. Il-leġislazzjoni tal-UE għandha tipprovdi inċentiv għall-manifatturi tal-karozzi biex joffru vetturi b'emissjonijiet zero bl-inqas spiża possibbli għaċ-ċittadini. Għandha tqis ukoll iċ-ċirkostanzi differenti tal-Istati Membri individwali sabiex tiġi evitata l-aggravazzjoni tal-istratifikazzjoni soċjali, il-faqar jew l-esklużjoni.

It-tendenzi mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-vetturi għandhom iqisu l-potenzjal tas-suq fir-rigward kemm tal-partikolaritajiet teknoloġiċi tal-manifatturi tal-vetturi jew tat-tagħmir tal-vetturi kif ukoll tal-aspetti ekonomiċi, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kapaċità finanzjarja taċ-ċittadini tal-pajjiż.

Barra minn hekk, il-Polonja ma tistax taċċetta l-inklużjoni ta' eżenzjonijiet għall-manifatturi ta' ċerti marki ta' lussu; dan huwa inkompatibbli mal-prinċipju ġenerali li l-emissjonijiet għandhom jitnaqqsu mis-setturi kollha b'mod li jkun soċjalment ġust. Fi żminijiet ta' kriżi, id-derogi għandhom ikunu diretti lejn l-ifqar ċittadini aktar milli lejn il-manifatturi ta' karozzi lussużi. Għalhekk, il-Polonja tesprimi l-oppożizzjoni tagħha għal dan l-att leġislattiv.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Estonja u mill-Finlandja

Aħna nappoġġaw bis-sħiħ il-pakkett ambizzjuż "Lesti għall-mira ta' 55 %" u nilqgħu l-eżitu tal-votazzjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni fil-Parlament Ewropew li jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet fit-trilogi.

Filwaqt li naqblu mal-għanijiet tar-Regolament li jitnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq f'konformità mal-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni, jiddispijja li l-vetturi li jaħdmu bil-gass ma jitqisux fir-Regolament. Għalina, il-promozzjoni tal-użu tal-bijometan fit-trasport hija importanti u matul in-negojzjati għamilna proposta għal inċentiv għall-vetturi li jaħdmu bil-gass. Nixtiequ nenfasizzaw ukoll lill-Kummissjoni l-premessa dwar ir-reġistrazzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju wara l-2035.

Fl-aħħar nett, aħna naħsbu li huwa vitali li fir-reviżjoni tal-istandards tas-CO₂ għall-vetturi heavy-duty, tinżamm in-newtralità teknoloġika.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata favur regolamentazzjoni klimatika teknoloġikament newtrali b'mod partikolari fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u għall-vetturi ħfief. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jinkludu l-premessa 11 fit-test ta' kompromess maqbul tar-reviżjoni tar-Regolament li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u vannijiet ġodda. Il-Kummissjoni ser tieħu din il-premessa bħala punt tat-tluq għall-inizjattivi leġislattivi rispettivi.

Bħala l-ewwel pass, minnufih mal-adozzjoni tar-Regolament mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, il-Kummissjoni tippreżenta Regolament ta' Implimentazzjoni għall-approvazzjonijiet tat-tip ta' dawn il-vetturi, u b'hekk tistabbilixxi proċess ta' approvazzjoni tat-tip robust u li ma tistax taħrab minnu għall-vetturi li jaħdmu esklużivament, b'mod permanenti, bl-RFNBOs. Il-Kummissjoni ser taħdem favur proċedimenti rapidi fi ħdan il-Kumitat Tekniku dwar il-Vetturi bil-Mutur (TCMV) u tiddedika ruħha fi ħdan il-qafas legali għal finalizzazzjoni b'suċċess tal-proċess tad-deċiżjoni.

Il-Kummissjoni ser taħdem ukoll mingħajr dewmien fuq l-implimentazzjoni ulterjuri tal-premessa 11. Wara l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni ser tipproponi wkoll, f'konformità mal-għoti ta' setgħa legali fil-ħarifa tal-2023, Att Delegat li jispeċifika kif il-vetturi E-Fjuwil biss jikkontribwixxu għall-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO₂, b'rabta mar-regolamentazzjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-karozzi u għall-vetturi ħfief. Fil-każ li l-koleġislaturi jirrifjutaw il-proposta, il-Kummissjoni ser issegwi perkors leġislattiv ieħor bħal reviżjoni tar-Regolament dwar is-CO₂ biex mill-inqas timplimenta l-kontenut legali tal-Att Delegat.